MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 876/2006

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Ben Zeglam Feryal**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta` Ottubru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hames mija u wiehed u disghin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm591.98), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizzi tat-telefon bin-numri 21575796 u 21521611 *account number* 40010683 skond ma kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok. A, Dok. B, Dok. C u Dok. D, bl-imghax u bl-ispejjez skond il-ligi a karigu ta` l-istess konvenuta.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lil Avukat Dr. Keith Grech li ghan-nom tas-socjeta` attrici ddikjara sollennement illi minn informazzjoni li gabar huwa stess illum kien irrizultalu illi ma saru ebda pagamenti u kwindi l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut.

Ra li l-konvenut baqa` ma pprezentax ruhu ghas-seduta ta` llum biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` hames mija u wiehed u disghin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm591.98), bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------